# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-18 ta' Diċembru 2009

## li tistabbilixxi l-grupp ta' esperti għal pariri teknici dwar l-Iskema tal-Frott fl-Iskejjel

(2009/986/UE)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Sabiex tiżgura l-implimentazzjoni tajba tal-Iskema tal-Frott fl-Iskejjel, stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1] kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 13/2009 [2], minn hawn 'il quddiem imsejħa "L-Iskema tal-Frott fl-Iskejjel", il-Kummissjoni għandha tkun tista' tieħu pariri teknici tal-esperti minn fora ta' għarfien fil-qasam tan-nutrizzjoni, l-epidemoloġija, is-saħħa pubblika u l-promozzjoni tas-saħħa, ix-xjenzi soċjali u tal-imġieba, l-evalwazzjoni.

(2) Huwa għalhekk meħtieġ li jitwaqqaf grupp ta' esperti indipendenti u li jiġu ddefiniti l-kompiti u l-istruttura tiegħu.

(3) Il-grupp ta' esperti għandu jagħti tagħrif espert lill-Kummissjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma relatati mal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Iskema tal-Frott fl-Iskejjel. Il-grupp ta' esperti għandu jipprovdi għajnuna lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispjegazzjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 184(5) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(4) Il-membri tal-grupp ta' esperti għandhom jinħatru f'kapaċità personali u għandhom ikunu jistgħu jagħtu parir indipendenti lill-Kummissjoni. Il-membri tal-grupp ta' esperti għandu jkollhom esperjenza kumplimentari u għandhom jutilizzaw kemm għarfien xjentifiku kif ukoll prattiku. Il-grupp ta' esperti għandu jirrapreżenta bilanċ ġeografiku adekwat tal-Unjoni Ewropea.

(5) Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni fil-grupp ta' esperti għandu jkollu d-dritt li jistieden esperti jew osservaturi bl-esperjenza f'qasam speċifiku biex jipparteċipaw fil-ħidma tal-grupp.

(6) Għandhom jitfasslu regoli dwar l-iżvelar ta' tagħrif minn membri tal-grupp ta' esperti, mingħajr preġudizzju lejn ir-regoli tal-Komunità dwar is-sigurtà kif stipulat fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom [3].

(7) Id-dejta personali relatata mal-membri tal-grupp ta' esperti għandha tkun ipproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment ħieles ta' dik id-dejta [4],

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Il-grupp ta' esperti għal pariri teknici dwar l-Iskema tal-Frott fl-Iskejjel**

B'dan qed jitwaqqaf il-grupp ta' esperti għal pariri teknici dwar l-Iskema tal-Frott fl-Iskejjel, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-grupp ta' esperti".

*Artikolu 2*

**Kompiti**

L-għan tal-grupp ta' esperti huwa li jgħin lill-Kummissjoni:

(a) fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Iskema tal-Frott fl-Iskejjel stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, minn hawn 'il quddiem msejħa "L-Iskema tal-Frott fl-Iskejjel", billi jipprovdilha parir espert;

(b) fl-elaborazzjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 184(5) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

*Artikolu 3*

**Konsultazzjoni**

1. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-grupp ta' esperti dwar kwalunkwe kwistjoni li għandha x'taqsam mal-applikazzjoni tal-Iskema tal-Frott fl-Iskejjel.

2. Il-President tal-grupp ta' esperti jista' jagħti parir lill-Kummissjoni li jkun tajjeb li tikkonsultah dwar kwistjoni speċifika.

*Artikolu 4*

**Sħubija – Ħatra**

1. Il-grupp ta' esperti għandu jkun magħmul minn għaxar membri. Dawn għandhom jirriflettu bilanċ ġeografiku adekwat tal-Unjoni Ewropea.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 5, 9.1.2009, p. 1.
[3] ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1.
[4] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

2. Il-membri tal-grupp ta' esperti għandhom jinħatru mill-Kummissjoni minn fost speċjalisti:

(a) b'għarfien fin-nutrizzjoni, l-epidemoloġija, is-saħħa pubblika u l-promozzjoni tas-saħħa, ix-xjenzi soċjali u tal-imġieba, l-evalwazzjoni,

(b) li għandhom esperjenza adekwata biex jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Iskema tal-Frott fl-Iskejjel, u

(c) li wieġbu għal sejħa pubblika tal-applikazzjonijiet.

3. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi wkoll lista li tiġbor fiha l-kandidati li ma setgħux jinħatru bħala membri permanenti tal-grupp ta' esperti minkejja li, matul il-proċedura tal-għażla, dawn ikunu tqiesu tajbin għal pożizzjoni fil-grupp ta' esperti. Din il-lista tista' tintuża għall-ħatra ta' membri alternattivi tal-grupp ta' esperti.

4. Il-membri tal-grupp ta' esperti għandhom jinħatru f'kapaċità personali u għandhom jagħtu pariri lill-Kummissjoni indipendentement minn kull influwenza esterna.

5. Il-membri tal-grupp ta' esperti għandhom jinħatru għal perjodu ta' tliet snin li jista' jiġġedded u ma jistgħux iservu għal iktar minn tliet mandati wara xulxin. Għandhom jibqgħu fil-kariga sa meta jiġu ssostitwiti skont il-paragrafu 6 jew sa meta jispiċċalhom il-mandat.

6. Il-membri li ma jibqgħux f'pożizzjoni li jikkontribwixxu b'mod effettiv fil-ħidmiet tal-grupp ta' esperti, li jippreżentaw irriżenja tagħhom jew li ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, jew l-Artikolu 339 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jistgħu jiġu ssostitwiti għall-kumplament tal-mandat tagħhom.

7. Il-membri għandhom kull sena jiffirmaw dikjarazzjoni fejn jistqarru li huma jaġixxu fl-interess pubbliku kif ukoll dikjarazzjoni li tikkonferma n-nuqqas jew l-eżistenza ta' kull interess li jista' jaffettwa l-indipendenza tagħhom. Huma għandhom jistqarru wkoll qabel kull laqgħa kwalunkwe interess speċifiku li jista' jitqies li jagħmel ħsara lill-indipendenza tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjonijiet li jkun hemm fl-aġenda.

8. L-ismijiet tal-membri u dawk inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 3 għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit tal-Internet tad-Direttorat-Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u fir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti. Dawn l-ismijiet tal-membri għandhom jinġabru, jiġu pproċessati u ppubblikati skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

*Artikolu 5*

**Operat**

1. Il-grupp ta' esperti għandu jaħtar President, u żewġ Viċi-Presidenti minn fost il-membri tiegħu, permezz ta' maġġoranza sempliċi.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jattendi l-laqgħat tal-grupp ta' esperti. Jista' jistieden esperti jew osservaturi b'għarfien speċifiku fuq suġġett fuq l-aġenda tal-grupp ta' esperti biex jipparteċipaw fil-ħidma tal-grupp ta' esperti.

3. L-informazzjoni miksuba mill-parteċipazzjoni fid-diskussjonijiet tal-grupp ta' esperti ma tistax tinkixef, jekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, dik l-informazzjoni tittratta kwistjonijiet kunfidenzjali.

4. Il-grupp ta' esperti għandu normalment jiltaqa' fl-istabbilimenti tal-Kummissjoni skont il-proċeduri u l-iskeda stabbiliti minnha. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-servizzi ta' segretarjat. L-uffiċjali l-oħra tal-Kummissjoni li jkollhom interess fil-proċeduri jistgħu jattendu l-laqgħat tal-grupp ta' esperti.

5. Il-grupp ta' esperti għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu fuq il-bażi tar-regoli standard ta' proċedura adottata mill-Kummissjoni [1] b'vot ta' maġġoranza sempliċi.

6. Il-Kummissjoni tista' tippubblika fuq l-Internet, bil-lingwa oriġinali tad-dokument ikkonċernat, l-aġenda, il-minuti, u kull sommarju, konklużjoni jew parti minn konklużjoni, jew dokument ta' ħidma tal-grupp ta' esperti.

*Artikolu 6*

**L-ispejjeż tal-laqgħat**

1. L-ispejjeż tal-vjaġġ u, fejn meħtieġ, tal-ġhixien imħallsa għall-membri u l-esperti fl-ambitu tal-attivitajiet tal-grupp espert għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Kummissjoni dwar ir-rimborż ta' spejjeż għal esperti esterni.

2. Il-membri, l-esperti u l-osservaturi ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi li jagħtu.

3. L-ispejjeż tal-laqgħat għandhom jiġu rimborżati fil-limiti tal-baġit annwali allokat mis-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ**

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

José Manuel BARROSO

*Il-President*

[1] L-Anness III għad-dokument SEC(2005) 1004 tas-27.7.2005.